MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 808/2012

**Paul Micallef li jiggestixxi l-istabbiliment bl-isem Tatara Bathrooms**

**Vs**

**Carolina Investments Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-13 ta’ Awwissu 2012 u li permezz tieghu l-attur qieghed jitlob li l-konvenuta tigi kkundananta thallas is-somma ta’ hamsa u hamsin elf erbgha mija u disgha u disghajn ewro u tmienja u erbghin centezmu (€55,499.48), bilanc ta’ prezz ghall-bejgh u

konsenja ta' merkanzija. L-attrici talbet ukoll li l-kawza tinstema' bil-procedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum minn fejn jirrizulta li ma saritx kontestazzjoni ghat-talbiet tal-attur.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tilqa' t-talbiet tal-attur u tikkundanna lill-kumpannija konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' hamsa u hamsin elf erbgha mija u disgha u disghajn ewro u tmienja u erbghin centezmu (€55,499.48), bl-imghax mid-data tal-konsenji fir-rigward ta' dawk l-invoices li sal-lum ghad iridu jithallsu (ara rendikont Dok. A a fol. 4).**

**Spejjez kollha a karigu tal-konvenuta**.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------